# EN PASSANT

*Un po' di lana caprina*
(igħid it-Taljan).

*Amba, jambi.* Il-Professur Aquilina (f'"Leħen il-Malti" Jannar-Frar, 1940), igħid li billi t-tifsira tal-verb għarbi hi biss *xtaq* u *ried* ma setgħetx tieħu fil-Malti t-tifsira ta' *ħtieġ*, *għandu bżonn.* Iżda, xjentifikament, naħseb li mhux hekk, meta nafu li bosta kliem meta jgħaddi għal ilsien ieħor jiġi li jieħu sens ftit u xejn imbiegħed jew bħalu. Nibża' li l-Prof. Aquilina ma iċċitanix sewwa. *'Abb, 'Abba,* (fi Tripli, flok *bgħâ=bagħa*) fil-Malti ma jidhirx li baqa' bis-sens ta' *xtaq* eċċ., iżda ta' *għandu bżonn.* *Għamel bi* fil-malti la jfisser *xtaq,* la *għandu bżonn* u lanqas *ħtieġ*, iżda *iddispona.* Bejn *xtaq* u *għandu bżonn* id-divrenzja hija inqas minn dik ta' bejn *għandu bżonn* u *iddispona.*

Il-Prof. Aquilina jrid igħid: bil-Malti qatt ma ngħidu *nambi niekol* flok *irrid niekol* bħalma jmissna ngħidu ladarba fil-Għarbi *'abba* tfisser *xtaq, ried.* Il-verb *'abba,* kif naħseb jien, jintuża fil-Malti bis-sens ta' *ħtieġ* u jinbena billi jieħu *x* fil-bidu (*ax* għarbija=*ax tibbi*?=x'tambi ?) u s-suffiss pronominali fit-tarf u ma nużawhx biex ngħidu *ried. xtaq*; iżda b'sens iżjed wasa'. Verb jista' jkollu sens li, ma' *verb ieħor*, m'għandux jew jitilfu, għalhekk fejn nista' ngħid *jien għandi x'nambih* ma nistax ngħid *nambi niekol,* iżda skond il-kostruzzjoni u x-xeħta maltija jkolli ngħid, *għandi bżonn* jew *nixtieq niekol.*

Xi studjużi tal-Għarbi jaħsbu li *amba, jambi* hija s-Seba' forma ta' *bagħa(j)* jew *bgħâ*, Trip., hekk illi *anba* jew *amba* huma l-Għarbi *'anbagħa,* u *janbi* jew *jambi* huma l-Għarbi *janbagħi* jew *janbgħi.*

Qabbel l-Għarbi ta' l-Alġerija: (Belkassam Ben Sedira) taħt *falloir=kama janbegħi*=kif jinħtieġ.

*Aħ—Ħu* (*aħ*. *Aħ* hija kelma u *ħu,* (*aħ*) oħra. (Ara Vassalli u Falzon). *Aħ* bis-sens ta' *alas* fil-Vassalli hija bl-*ħ*, (*ħa* għarbija) u *ħu* bis-sens ta' *ħu* (brother) hija l-*ħ* (*kha* għarbija).



*Aħwa* bħal fil-Għarbi hija l-plural ta' *aħ=ħu.* Mhux biss fit-Tanġier iżda wkoll fit-Tripolitanja huwa *ħu* sing. *ħut* plural. Is-suffissi pronominali jaqblu, iżda fil-Malti fl-ewwel persuna singular flok *ħwi+ja* jagħmel *ħija.*

*Ċinkwina.* Biċċa munita ta' żmien l-Ordni li kienet tiswa ħames ħabbiet ($\frac{5}{12}$d) ta' sold Ingliż. Niftakru li s-sistema tal-munita ta' dak iż-żmien kien imqassam bl-għaxriet (deċimali). Din il-kelma beqgħet tinsama' fil qawl *ċinkwina ħames ħabbiet* li jwieġeb għal dak l-ieħor ta' *xiku briku* mill-Isqalli *sceccu buriccu* li jfisser żewġ ħwejjeġ li huma l-istess.

Osservazzjonijiet oħra filoloġiċi għal meta l-Editur igħidli li jkollu l-wisa'.

A. C.

# IN-NOVELLA

In-novella maltija għadha fi twelidha. Novelli miktubin bit-teknika li jitolbu, għandna wisq ftit. Mhux bi ħsiebni nagħżel bejn it-tajbin u l-ħżiena. L-għan li miexi fuqu huwa li ngħid fil-qosor x'taħtieġ novella biex tkun miktuba tajjeb.

Mijiet ta' novelli bl-ingliż jitwarrbu kuljum minn mexxejja ta' "magazines" u rivisti oħra għal żewġ raġunijiet ewlenin: 1) għax ma jkunux miktubin tajjeb biż-żejjed biex ma jdejqux lill-qarrejja; 2) għaliex in-novella hija magħduda bħala fergħa tal-letteratura.

Novelli bil-malti għandna kemm trid; iżda, kemm minnhom kienu jaraw id-dawl li kieku kienu miktubin bl-ingliż ?

L-aktar ħaġa li tqarraq bil-kittieba maltin hija l-emmna li n-novella tkun sabiħa jekk tkun miktuba b'malti sabiħ, imsawwar b'deskrizzjonijiet imlewna ta' mkejjen, ta' nies u ta' drawwiet, u bi ħsebijiet għolja mfissra b'ħafna kliem jolqot u jsaħħar.